**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 35**

**Data:** **19 ta' Jannar, 2022**

**Hin:** **09.34am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

35.1 Applikazzjoni - PA091048/21

35.2 SPI.SCI.9.2021 – Skema ghall-Attivitajiet Kulturali u Annwali

---

**35.1 Applikazzjoni - PA091048/21**

35.1.1 Is-Sindku spjega li din il-laqgha giet imsejjha sabiex tigi diskussa b'mod ufficjali l-applikazzjoni tal-kamra tan-nar gdida li ggib in-numru PA091048/21. Huwa spjega li minhabba ic-cirkustazzjoni u fuq parir tad-Direttur Generali tal-Kunsilli Lokali saret laqgha informali u issa qeghda ssir b'mod formali. Gie spjegat li din l-applikazzjoni qeghda tirreferi ghal zona fejn diga kien hemm kamra tan-nar u li splodiet snin ilu u ħalliet 5 vittmi. Is-Sindku qal li wara li l-ewwel laqgha f' dan ir rigward intbghatet l-email sabiex joggezjona fid-direzzjoni erba' minn hames

kunsilliera rrispondew li jaqblu li l-Kunsill jogezzjona bil-qawwa kollha ghal din il-kamra gdida. Ghalkemm il-Kunsill diga huwa imnizzel bhala objector kien necessarju li issir din il-laqgha sabiex tkun minuted fil-minuti tal-Kunsill . Il-Perit Edward Scerri flimkien ma Dr Georgina Grech u Dr Clare Bonello kien qieghed jiehu hsieb li jippreparaw l-oggezjoni tal-Kunsill.

Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li issa ghandu jistenna l-way forward min-naha ta' dawn l-esperti u skond ma' jaghtu parir huma l-Kunsill imexxi maghhom. Is-Sindku qal li fil-jiem li gejjin kif ikun lest kollox il-Kunsill ser ikun qed jipprocedi. Il-Kunsill qabel unanimament u jekk ma jkunx hemm bzonn urgenti ssir il-laqgha kif aggornata fis-27 ta' Jannar, 2021.

**35.2 SPI.SCI.9.2021 – Skema ghall-Attivitajiet Kulturali u Annwali**

35.2.1 Il-Kunsill Lokali l-Gharb iddiskuta dwar l-applikazzjoni li infethu fi zmien il-Milied ghall-attivitajiet kulturali u annwali. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jissottometti l-applikazzjoni tieghu bil-festival Myths, Folklore and Legends festival fejn titella' l-opra ghal Novembru.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**

David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv